MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru 75/2008

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Alan Gatt

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru: 239776(M) akkuzat talli:

- nhar it-22 ta' Jannar 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess depozizzjonijiet tal-ligi bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwu, ikkommetta serq ta' hames fliexken ta' spirti li l-valur taghhom jeccedi il-€11:65 (Lm5) u ma jeccedix il-

€232.94 (Lm100) ghad-dannu tal-kumpanija Lasco Supermarket taz-Zejtun.
- Akkuzat ukoll talli fl-istess dati jiem u cirkustanzi, xjentament f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barrra minn Malta jew xjentament b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
- Akkuzat ukoll talli huwa recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fosthom tal-Magistrat Dr. A. Mizzi L.L.D li ggib id-data tal-23/11/07 sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn li ma jaghmilx reat iehor li jmur ghal programm kontra d-droga li fil-fatt qatt ma ghamel; liema sentenza giet definittiva fl-istess jum tas-sentenza.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li fuq l-iskorta tal-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat l-akkuzi jinsabu provati.
Wara li kkunsidrat l-entita' tas-serq; wkoll li l-imputat jidher li qabad it-triq it-tajba; wkoll li nonostante precedenti ta' serq l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz m'ghandhiex timponi perjodu ta' prigunerija stante wkoll li l-imputat gia skonta perjodu twil fil-habs fuq reati precedenti; tiddeciedi wara li rat l-artikoli 18, 284, 285 tal-Kap 9 li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum. Testendi wkoll wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap 9 l-perjodu sospiz tas-sentenza tal-prigunerija sospiza tat-23/11/07 ghal perjodu ta' erba' snin dekorribbli mil-lum.

Tilliberah mit-tieni akkuza stante li din hija alternattiva ghall-ewwel.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------